TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rosallie Camilleri

vs

Luke Desira - Kraze Travel

CCT 92/21/MS

8 ta' Novembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-10 ta' Gunju fejn talbet ir-rifuzjoni ta' elf seba mija u hamsin Euro (€1,750) u dan wara li xtrat pakkett tal-ivjaggar ghal viagg fin-Nepal organizzat mill-intimat/ azjenda intimata, li kien jikkonsisti fi titjiriet, akkomodazzjoni u servizz ta' tour leader, liema vjagg ma sehhx, principalment minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija Covid-19.

Ra r-risposta tal-intimati fejn cahdu t-talbiet tar-rikorrenti, u qalu li ghalkemm huwa minnu li l-vjagg gie pospost, huma xorta wahda offrew lir-rikorrenti *credit note,* minflok refund, minhabba d-decizjoni taghha li tipposponi l-vjagg.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti ddecidiet tmur tour lejn in-Nepal li kienet organizzata minn Kraze Travel u dan ghaliex dejjem kellha x-xewqa li tmur Nepal. Il-plan originali kien li jsiefru fis-27 ta' Marzu 2020 ghal tmintax - il gurnata. Hallset kollox minn qabel - €1830.00. Illi meta faqqet il-pandemija f'Marzu 2020, minhabba l-incertezza li kien hemm, iddecidew illi jipposponu s-safra ghal Ottubru tal-istess sena, imma xorta wahda ma sarx. Il-kumpanija offriet zewg alternattivi - jew li jkomplu bis-safra a riskju taghhom jew li jergghu jipposponu kollox ghal Marzu 2021. Kif fil-fatt ghamlu - il-grupp ghazlu li jipposponu s-safra ghal Marzu 2021. F'Jannar 2021, pero', r-rikorrenti rceviet telefonata

fejn giet infurmata illi s-safra ma kenitx ha ssir. Sussegwentement, il-kumpanija kienet baghtet email fejn offriet *credit note* li tkun valida ghal sentejn. Illi minhabba ragunijiet personali u anke peress illi verbalment kienet giet infurmata illi kienet intitolata ghal rifuzjoni, r-rikorrenti ma accetatx l-offerta tal-*credit note* u talbet li tinghata flusha lura. Baghtet ittra (Dok RC5) fejn spjegat li s-safra kienet giet posposta tlett darbiet u ma kenitx f'posizzjoni li tikkommetti ruhha ghal safra ghaliex ic-cirkostanzi taghha kienu nbiddlu. Qalet ukoll illi kien hemm nies ohra li nghataw flushom lura.

Illi ghalkemm l-intimati kienu notifikati bil-kaz u dahlu risposta, hadd ma deher biex jixhed meta l-kawza giet differita ghall-provi taghhom.

Illi wara li ra l-affidavit tar-rikorrenti, qies ic-cirkostanzi u anke l-fatt illi t-rikorrenti kienet lesta li tipposponi l-vjagg ghal darba jew iktar, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha. Hadd m'ghandu jkun kostrett illi jibqa' jipposoni safra indefinittivament u jekk ix-xewqa taghha kien li tivvjagja lejn in-Nepal, hi kellha kull dritt illi tmur f'dik id-destinazzjoni.

It-Tribunal ra wkoll l-artikolu 11(2) tal-LS 409.19, li jipprovdi li meta l-vjagg ma jsirx minhabba cirkostanzi straordinarji, allura f'dak il-kaz, il-vjaggatur (f'dan il-kaz ir-rikorrenti) ghandu dritt illi jittermina l-kuntratt qabel il-bidu tal-vjagg, u jiehu lura flusu, minghajr ma jehel spejjes u minghajr ma jinghata l-ebda dritt ta' kumpens.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa't-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimat/ azjenda intimata în solidum, illi jirrifondulha s-somma ta' elf seba mija u hamsin euro. Bl-ispejjes kontra l-istess intimati.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru